MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

14 ta' April 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.37pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjura Maria Concetta Scerri li kienet tinsab indisposta.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sinjura Scerri talbet biex tiġi skużata. L-ittra t'apoloġija ġiet aċċettata.

## 25.2 Approvazzjoni t'ingaġġ ta' Assistant Prinċipal fi Skala 11

25.2.1 Is-Sur Stefan Cordina irringrazzja lil kulħadd talli setgħu jattendu din il-laqgħa li kellha tissejjaħ urġentament minħabba li l-Kuntratt tas-Sinjura Fsadni skada fid-19 ta' Marzu 2021 u ħadd ma kien konxju li ħa ssorġi dil-problema teknika wara li ġa kien hemm approvazzjoni tal-kuntratt tagħha fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar tas-sena l-oħra. Is-Sur Cordina ħalla f'idejn is-Segretarju ħa tagħti spjega ta' dak li ġara.

Is-Sinjura Mifsud spjegat kif waqt il-proċess ta' reklutaġġ ta' skrivan u *supervisor* kienet inħasset il-ħtieġa li jsir *re-shuffling* tal-istaff preżenti u min kien skala 15 jingħata ċ-ċans li jitla' skala 13 u min kien skala 13 jingħata ċ-ċans jitla' skala 11. Kien għalhekk li kienet ħarġet *Interoffice Memo* biex min hu nteress japplika u applikaw is-Sinjorini Borg u Fsadni fi skala 13 u skala 11 rispettivament. Rigward dawn il-karigi kien hemm approvazzjoni tal-Kunsill li fl-ebda ħin ħadd ma sab oġġezzjoni. Ġara però li s-Sinjura Fsadni ma kellhiex il-kwalifiki/rekwiżiti kollha u għalkemm il-Kunsill kien ħa jispiċċa bla DPO minħabba li s-Sinjura Sammut ħarget sena *leave* tal-maternità xorta din il-kariga ma setgħetx timtela'. Is-Sinjorina Fsadni xorta ma kwalifikatx taħt il-klawżola ta' tliet snin esperjenza fi skala 13. Għalhekk ovvjament sabiex din il-'promozzjoni' jew 'ingaġġ' intern fi skala 11 setgħat isseħħ riedu jgħaddu tliet snin.

It-tliet snin spiċċaw fid-19 ta' Marżu 2021 u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ħasbet li issa il-klawżola kienet applikabbli u mexxiet biex ittella' l-ħaddiema skala 11. Madanakollu meta d-Dipartiment intbagħtitlu l-korrispondenza ta' dan kollu ma qabilx, għax inżerta wkoll li kien hemm *typo error* fuq id-data minn 20/03/2021 għall-02/03/2021 u meta ntbagħtet il-korrispondenza intużat il-kelma *progressed* flok *promoted* jew *engaged in scale 11* u *progressed* hija xi ħaġa totalment differenti għad-Dipartiment għax *progression* hija xi ħaġa li uffiċċjal jingħata darba biss wara ħames snin fi skala 15 jew skala 11.

Għaldaqstant, kompliet is-Segretarju ħasset il-ħtieġa li kellha tinħareġ *Interoffice Memo* mill-ġdid, bis-Sinjorina Fsadni terġa' turi nteress fil-kariga biex tiġi *promoted/engaged* fi skala 11 u titressaq b'urġenza fil-Kunsill.

Hi talbet lill-Kunsill jesprimi l-qbil tiegħu fuq dan u jekk kulħadd jaqbel unanimament proponiet li dan ikun b'effett mill-20 ta' Marżu 2021 u tiġi *promoted* fil-massimu tal-iskala 11 ġaladarba kienet laħqet il-massimu tal-iskala 13. Hi qalet ukoll li għandha ammirazzjoni kbira lejn il-ħaddiema kollha tal-Kunsill imma tħoss li s-Sinjorina Fsadni teċċella fil-kariga tagħha u fil-kariga preċedenti dejjem għamlet iktar minn dak li kien fid-dover tagħha u għalhekk jistħoqqilha.

Is-Sur Cordina qal li ovvjament hu mhux sa jgħid le u l-fatt li ġa kien hemm qbil min-naħa tiegħu fil-laqgħa li kien hemm jerġa' jikkonferma u jgħid iva. Is-Sur Alex Mangion reġa' tenna li hu jaqbel ukoll. L-Avukata Caruana qalet li ġa kien hemm qbil unanimu allura taqbel hi wkoll.

Is-Sur Cordina saqsa jekk hemmx oġġezzjonijiet? Is-Sur Victor Galea talab biex jgħaddi kumment. Hu saqsa kemm ilha taħdem mal-Kunsill is-Sinjura Fsadni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ilha iktar minn 8 snin. Is-Sur Galea qal li llum biex issib bniedem b'esperjenza trid iddum tfittex u l-fatt li dejjem mar l-Uffiċċju u jsibha tagħti s-sehem tagħha allura jidhirlu li hu xieraq u jaqbel.

Kulħadd qabel unanimament.

## 25.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.45pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' April 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 28 ta' April 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv